# IT-TIELET SEZZJONI — APPELLI INFERJURI

**14 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Gladys Hockey et.**

*versus*

**Michael Marshall**

**Appell — Kompetenza — Valur — Art. 226(2), 749, u 762 tal-Proċedura Ċivili.**

**Deċiża fil-meritu b'sentenza oħra tal-11 ta' April 1959** (publikata).

*F'każ fejn l-attur jitlob il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' servizzi f'ammont li hu anqas minn £5 jew kull ammont verjuri akbar jew iżgħar, imma dejjem fil-kompetenza nferjuri, u fejn 'l-Qorti tilqa' t-talba għal somma anqas minn £5, u l-attur jakkwieta ruħu għal dik is-sentenza u għal dak l-ammont, l-attur ma jistax isostni illi dik is-sentenza mhix appellabbli mill-konvenut għaliex, ladarba l-attur ma appellax, u b'hekk akkwieta ruħu għall-amont likwidat f'anqas minn £5 u f'dan l-ammont kanonizzat, dan ma jistgħax ikun akbar minn dak kanonizzat, u ebda punt ta' liġi ma hemm fis-sentenza.*

*Għaliex il-liġi, għall-fini:iet tal-appellabbilità, issemmi l-valur "kif inhu fit-talba". Kien ikun diversament kieku l-liġi rrife-riet ruħha għall-valur fl-appell, kif għamlet, per eżempju, fil-każ ta' appell lill-Privy Council.*

*Talvolta jkun utili, "in jure condendo", li tiġi kunsidrata l-espedjenza ta' xi tibdil fid-diċitura tal-liġi; iżda "rebus sic stantibus" ma jidherx li l-ġudikant huwa ntitolat jasal għal konklużjoni kuntrarja mingħajr ma jmur kontra l-ittra ċara tal-liġi.*

Il-Qorti:— Rat l-avviż tal-atturi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, li bih talbu li l-konvenut jiġi kundannat li jħallas lill-atturi, jew min minnhom, is-somma

ta' £4. 10. 0, jew kwalunkwe somma oħra verjuri, akbar jew iżgħar, dejjem fil-kompetenza ta' dik il-Qorti, dovuti in linea ta' serviġi prestati lill-konvenut in konnessjoni mal-kiri ta' post ta' abitazzjoni. Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni lill-konvenut għas-subizzjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Diċembru 1958, li biha laqgħet it-talba attriċi u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' lira (£1) għas-serviġi minnha prestati lill-konvenut in konnessjoni mal-kiri ta' post tal-abitazzjoni; bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża huma s-segwenti. Il-konvenut kien qabbad lill-attriċi ssiblu post biex jikrieh, u ftehmu li, jekk issiblu, jagħtiha £4. 10.0. Fil-fatt l-attriċi wriet diversi postijiet lill-konvenut, imma baqgħu ma kkonkludew xejn. Fl-aħħar il-konvenut, per mezz ta' sensala oħra, sab jikri;

*Omissis:*

Kwantu għall-konsistena ta' dawn is-serviġi, il-konvenut stess jammetti li l-attriċi ħaditu jara xi sebgħa jew tmien postijiet, u għalhekk din il-Qorti sejra tillikwida l-ħlas ta' dawn is-serviġi fis-somma ta' lira sterlina (£1);

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, u ċ-ċitazzjoni tiegħu li biha talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija; bl-ispejjeż;

*Omissis:*

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali tal-inappellabbilità;

Bl-avviż l-atturi talbu somma ta' £4. 10. 0, jew somma verjuri, akbar jew iżgħar, dejjem fil-kompetenza inferjuri;

It-talba ġiet milqugħa għal lira (£1) biss;

Għalhekk l-appellat isostni li, non ostante l-indeterminatezza tal-ammont fit-talba fl-avviż, ormaj, però, il-

meritu, ġa ladarba l-istess ma appellawx, u b'hekk akkwetaw ruħhom għall-ammont ta' £1, ma jistax ikun aktar minn £1, u kwindi s-sentenza, peress li ebda pont tal-liġi ma hemm fiha, ma hix appellabbli;

Però, di fronti għal-lòkuzzjoni ċara tal-art. 226(2) Kap. 15 u tal-art. 749 u 762 fih riferiti, din is-sottomissjoni ma tistax tiġi akkolta; għaliex il-liġi ssemmi il-valur "kif inhu fit-talba", għall-finijiet tal-appellabbilità;

It-teżi kuntrarja tista' ġġib anki għall-inkonvenjent li fil-proċeduri tal-appell, f'każijiet fejn il-valur jissupera bi ftit il-ħames liri, l-appellat jirriduċi t-talba tiegħu bi ftit xelini, u jġibha b'hekk taħt il-limiti, apposta biex jiffrustra d-dritt tal-appell tal-parti l-oħra;

Barra minn hekk, kien jinħoloq inkonvenjent ieħor. Per eżempju, f'dan il-każ preżenti l-atturi kienu jistgħu jappellaw in bażi għall-valur "fit-talba", mentri ntant il-konvenut kien ikun prekluż milli jappella in bażi għall-valur fl-"appell", fil-waqt li l-kriterju tal-appellabbilità stabbilit mil-liġi hu uniku;

Kien ikun divers il-każ kieku l-liġi rriferiet ruħha għall-valur fl-"appell", kif, per eżempju, hemm fl-appelli lill-Privy Council, fejn l-Order-in-Council isemmi "the matter in dispute on the appeal" (rule 2). Talvolta, "in jure condendo", ikun utili li tiġi kunsidrata l-espedjenza ta' xi tibdil fid-diċitura tal-liġi; iżda, "rebus sic stantibus", ma jidherx li l-ġudikant jista' jasal għall-konklużjoni kuntrarja, mingħajr ma jmur kontra l-ittra ċara tal-liġi;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-preġudizzjali;

Stante l-indoli tal-kwistjoni, l-ispejjeż ta' dan l-inċident jibqgħu bla taxxa; id-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-appellati eċċipjenti.